MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 14 (L-EWWEL PARTI)

2 ta' Ġunju 2020

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 14 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.1.7. **(Ref: D/4)** u talbet li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.1.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għat-tqassim ta' basktijiet bl-ikel li qed jiġu pprovduti mill-Malta Trust Foundation għall-persuni fil-bżonn. Hija qalet li qed tieħu l-inizjattiva biex tiġbor dawn il-basktijiet mill-uffiċċju tal-MTF fil-Furjana u tagħtihom direttament lill-persuni li jibbenefikaw minnhom.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-emenda skont il-minuta 1.2.

1.4. Il-Kunsillieri G. Micallef u I. Castillo talbu li l-minuta 2.7.3. fil-minuti tas-seduta preċedenti dwar l-Assenjar ta' ħaddiema tal-OZO Ltd **(Ref: T/4/5/Vol IV)** tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

*"2.7.3. Il-Kunsillier G. Micallef qal li huwa sempliciment staqsa dwar ir-raguni għaliex sezzjoni mill-Kunsill tħalliet barra mit-tmexxija ta' din l-inizjattiva, filwaqt li japprezza l-għajnuna li qed tingħata fil-lokalità mill-awtoritajiet konċernati u l-kumpanija msemmija. Il-Kunsillieri I. Castillo, E. Bartolo, u M. Abela esprimew li huma wkoll ma jaqblux li l-lista tibqa' ssir biss mill-Kunsillieri A. Brincat Stellini u K. Buttigieg.".*

1.5. Il-Kunsill ma' approvax l-emenda proposta.

1.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.7.4. fil-minuti tas-seduta preċedenti dwar l-Assenjar ta' ħaddiema tal-OZO Ltd **(Ref: T/4/5/Vol IV)** talbet li din tinqara hekk:

*"2.7.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li t-tindif jappartjeni r-responsabilitajiet assenjati lill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, pero' ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmlu ta' kuljum minħabba raġunijiet ta' xogħol u studju. Għadaqstant, is-Sindku talab lilha u l-Kunsillier K. Buttigieg sabiex jieħdu dan l-inkarigu. Dan jikkonsisti fi tfassil ta' pjan ġurnata b'ġurnata, li jindika fejn għandu jsiru t-tindif. Waħda mill-impjegati tal-Kunsill qed tikkordina ma' rappreżentant ta' OZO Ltd sabiex il-ħaddiema jibqgħu sejrin direttament fuq il-postijiet indikati lilhom u tara li jkollhom il-materjal li jridu jaħdmu biħ. Is-Sinjura Brincat Stellini ħadet l-opportunità biex tirringrazzja lis-Sur J. Sciberras mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa, li jgħin fil-kordinazzjoni tat-tindif li jsir fiż-żona tal-Aħrax.".*

1.7. Il-Kunsillieri G. Micallef u I. Castillo reġgħu ntervjenew billi qalu li l-minuta 2.7.6. mhijiex ċara biżżejjed f'dak li jirrigwarda min ser ikun inkarigat li jindika l-postijiet li jkunu ser jitnaddfu mill-ħaddiema tal-OZO Ltd. Huma qalu l-fil-fatt ma kienx hemm qbil li jkun hemm l-alternanza fl-indikazzjoni tal-postijiet li għandhom jitnaddfu.

1.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li fil-fatt, il-postijiet indikati kollha ġew innutati u nklużi fil-*work plan*.

1.9. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal illi huwa importanti li tingħata attenzjoni li l-postijiet indikati ma jkunux dawk koperti bil-kuntratti tat-tindif ta' toroq urbani u dawk rurali.

1.10. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li dan l-inkarigu jinvolvi laqgħa ta' madwar ħmistax-il minuta nhar ta' Ħadd, fejn tingħata attenzjoni li l-postijiet ma jkunux koperta la mill-kuntratturi tal-Kunsill u lanqas mid-Direttorat tat-Tindif u Manutenzjoni.

1.11. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-minuta għandha tiġi emenda biex tinqara kif ġej:

*2.7.6. Is-Sindku kkummenta li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jkun hemm l-inpenn ta' min jista' jgħin f'din l-inizjattiva, sakemm dan isir b'kordinament miegħu u mas-Segretarjat tal-Kunsill, u ntaħaq ftehim li l-work plan jibqa' jsir mill-Kunsillieri K. Buttigieg u A. Brincat Stellini, filwaqt li jiġi mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex ikunu konxji tax-xogħol li jkun qed isir u jagħtu l-kontribut tagħhom.".*

1.12. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.20.2. tas-seduta preċedenti dwar ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier iż-Żgħir (**Ref: T/4/7/Vol III**) u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għax-xogħol li għaddej fuq l-asfaltar ta' Triq l-Armier iż-Żgħir u staqsa dwar il-possibiltà li ssir bankina fuq in-naħa tal-baħar sabiex jiġi evitat li wieħed jimxi fil-karreġġjata meta jkun hemm ħafna vetturi pparkjati, li fil-parti l-kbira tagħhom ikunu caravans u campers. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel perfettament mal-proposta tal-bankina. u ppropona li din tkun iddur mal-ħajt tar-ramla, sa l-istabbiliment Ray's Lido.".*

1.13. Il-Kunsill approva l-emenda proposta fil-minuta 5.20.2. sakemm din tkun korroborata bir-*recording* tas-seduta.

1.14. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.16.1. tas-seduta ta' qabel dwar periklu fl-inħawi ta' Daħlet ix-Xmajjar / Dragunara **(Ref: X/1/1/Vol II)** u talab li din tiġi emendata sabiex tinqara kif jidher hawn taħt:

*"5.16.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li jitwaħħlu tabelli ta' twissija qrib il-ħofra li teżisti fl-inħawi msemmija. Issuġġerixxa wkoll li jsir sellun sabiex jintuża f'każ ta' emerġenza. Dan peress li dan il-post iżuruħ ħafna nies li jersqu fix-xfarijiet mingħajr ma jirrejalizzaw il-periklu li hemm.".*

1.15. Il-Kunsill approva l-emenda skont il-minuta 1.14 aktar 'il fuq.

1.16. Il-minuti tas-seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020 ġew approvati skont id-deċiżjonijiet rispettivi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Inizjattivi marbuta mal-epidemija tal-Covid-19 (D/4)

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.1.3. tas-seduta ta' qabel ipproponiet li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-kumpanija Norwex Ltd li offriet il-maskri sabiex jitqassmu fil-ħwienet mingħajr ħlas. Hija qalet li minn din l-għotja bbenefikaw 111 neġozju fil-lokalità. Il-maskri tqassmu mill-uffiċċju tal-Kunsill lill-operaturi ta'negozji li wrew interess. Infurmat ukoll li fadal 2,200 maskra, filwaqt li l-*fibre cloths,* li ssemmew qabel, fil-fatt ma ġewx mgħoddija lill-Kunsill.

2.1.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-maskri li fadal jiġu mgħoddija lill-Arċipriet tal-Mellieħa u lill-Kappillan tal-Manikata, filwaqt li jinżamm nurmu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li numru ta' maskri jingħataw lis-Sorrijiet ta' Tereza Nuzzo li għandhom *child care centre* fil-Mellieħa.

2.1.5. Is-Sindku D. Vella għarraf li d-Direttorat tal-Indafa u l-Manutenzjoni flimkien mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu qed jiddiżinfettaw kull siegħa l-latrini pubbliċi li jinsabu qrib ix-xtut.

2.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposti mressqa.

### 2.2.1. PA 10178/18 – Estensjoni tal-Panorama Hotel (P/5/8/D)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.1.1. tas-seduta preċedenti dwar l-applikazzjoni msemmija. Is-Sindku għarraf li f'seduta virtwali li saret fil-5 ta' Mejju 2020, il-Bord tal-Ippjanar approva sular wieħed irtirat 'l ġewwa mal-ħamsa eżistenti. Approva wkoll it-twessiegħ tal-bibien li jagħtu għat-terrazzini u tkabbir tal-gallariji.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol XV)

2.3.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fil-15 ta' Mejju 2020 saret laqgħa fuq il-post bil-għan li jingħata aċċess aktar sikur għall-kwartieri tal-iScouts fi Triq Salvu Camilleri wara li din ġiet mibdula f'*one-way*. Għall-istess laqgħa flimkien mas-Sindku, attendew il-Kunsillier E. Bartolo, is-Sur J. Aquilina Group Scout Leader, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.3.3. Fl-istess laqgħa kien propost li ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, jew għallinqas jingħata aċċess temporanju minnha. Is-Segretarju għarraf li huwa ġie nfurmat verbalment minn uffiċjal ta' Infrastructure Malta li Triq it-Tabib Joseph Grech Attard ser issir fil-futur qarib, hekk kif il-kuntrattur konċernat itemm xogħlijiet oħra li qed iwettaq attwalment.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. *Resurfacing* ta' toroq ġewwa l-Aħrax (T/4/7/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.20.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-18 ta' Mejju 2020 saret laqgħa fil-Bajja tal-Armier iż-Żgħir mal-Perit D. Vassallo minn Infrastructure Malta, rappreżentanti tal-kuntrattur Central Asphalt Ltd, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.4.3. Is-Segretarju spjega li fl-istess laqgħa kien miftiehem li għandha ssir bankina man-naħa tal-baħar filwaqt li titneħħa dik eżistenti fuq il-naħa tal-Batterija ta' Crivelli, b'tali mod li din testendi tul ir-ramla kollha sa l-istabbiliment Palm Beach Lido. Ġie stabbilit ukoll li l-parti tat-

triq li tiġi mar-ramla għandha togħla sabiex ma joqgħodx l-ilma meta tagħmel ix-xita, kif ukoll isir *culvert* li jaqbad ma' dak li hemm fuq naħa waħda ta' Triq l-Armier iż-Żgħir, jaqsam għan-naħa tax-xatt u jiżbokka fil-parti fejn m'hemmx ramel. Kien hemm qbil ukoll li l-parkeġġ għandu jiġi nkluż max-xogħol tat-triq f'dak li huwa kisi bit-tarmak.

2.4.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li jiġi organizzat l-ipparkjar tal-vetturi fil-parkeġġ billi jsiru żewġ fillieri jmissu flimkien f'nofsu u oħra li tiġi biswit ix-xagħra. Biex joqgħod l-ikbar numru ta' vetturi ġie ssuġġerit li dawn għandhom ikunu fil-formazzjoni *fishbone*. Fuq in-naħa tax-xagħra jsir xi forma ta' delinjazzjoni permezz ta' ċint baxx jew kurduna. Huwa qal ukoll li mal-ħajt tar-ramla ma jsir ebda ipparkjar sabiex ma tiġix imxekkla ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi u ma jipparkjawx *caravans* u *campers*.

2.4.5. Il-Kunsillier I. Castillo ssuġġerixxa li jiġi ntrodott ipparkjar regolat bil-ħin sabiex jiġi evitat li spazji sħaħ jiġu okkupati minn *caravans* u *campers* għal diversi jiem u ġimgħat.

2.4.6. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li bejn il-fillieri *fishbone* proposti fil-minuta 2.4.2. għandhom jkun hemm *centre-strip* dejqa sabiex jiġi żgurat li l-*parking bays* li jsiru jiġu osservati. Huwa qal ukoll li l-ipparkjar fuq il-lemin hekk kif wieħed jidħol fil-bajja għandu jkun ukoll fil-formazzjoni *fishbone*.

2.4.7. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti skont il-minuti 2.4.2. u 2.4.4. aktar 'il fuq u talab li jiġu komunikati lill-Infrastructure Malta.

## 2.5.1. Jum il-Kunsill 2020 (A/5/3/1/Vol XVII)

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 8.2. tas-seduta preċedenti u aċċenna li l-2020 taħbat l-ħamra u għoxrin anniversarju mill-mewt tal-kantant Sammy Bartolo u għalhekk ikun xieraq li l-parti mużikali ta' Jum il-Kunsill - fis-16 ta' Diċembru 2020 - tkun dedikata għall-memorja tiegħu.

2.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jkun xieraq ukoll li għal din l-okkażjoni jingħaqdu l-membri tal-grupp New Cuorey.

2.5.4. Il-Kunsillier M. Abela ppropona wkoll li l-preżentatur tas-serata jkun Mellieħi.

2.5.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 2.6.1. Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (K/11)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.29.6. tas-seduta preċedenti u qalet li fil-31 ta' Mejju 2020, ma setax isir użu mill-*mobile blood donation unit* u minflok sar użu mis-sala tal-Kunsill fejn is-servizz li ngħata kien sodisfaċenti ħafna. Hija qalet ukoll li ngħataw 44 borża demm.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista' issir il-kaċċa (A/4/10)

3.1.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.10.1 tas-seduta preċedenti u staqsa dwar x'kien eżitù ta' xi diskussjoni li seta kien hemm fil-Bord tal-Park tal-Majjistral wara li ġiet komunikata l-pożizzjoni tal-Kunsill, li mgħandux isir tibdil fl-Artiklu 3(1) tar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral Park ta' Natura u Storja (L.S. 599.83), ossija li tista' tibqa' issir kaċċa sal-10.00 am fil-Ħdud u nhar ta' Erbgħa waqt li l-istaġun ikun miftuħ.

3.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li minkejja illi l-Kunsill esprima ruħu favur l-i*status quo*, il-Bord kien tal-fehma li l-kaċċa għandha tiġi pprojbita nhar ta' Ħadd u l-Erbgħa qabel l-10:00 am meta l-

istaġun tal-kaċċa jkun miftuħ. Huwa qal li d-deċiżjoni finali trid tittieħed fuq livell minsterjali mill-Ministri għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, kif ukoll dak responsabbli mill-kaċċa u l-insib, li jaqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk hemmx illi pjanti li juru kif huwa propost li jsir l-*interchange* għall-karozzi tal-linja fi Triq Selmun.

3.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li probabbli dan it-tagħrif jingħata fil-laqgħa skedata mal-Ministeru u Transport Malta fl-10 ta' Ġunju 2020.

**3.3.1. Xogħlijiet tal-ilma quddiem il-*boathouses* ta' Dawret it-Tunnara** **(W/2/Vol II)**

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin quddiem il-*boathouses* li jinsabu taħt il-livell ta' Dawret it-Tunnara bejn Triq it-Tumbrell u Triq it-Trill. Huwa qal illi jidher li għad fadallu ġimgħat biex jiġi konkluż, minkejja li f'dan il-perjodu tas-sena dawn ikunu ffrekwentati ħafna. Is-Sur Castillo staqsa dwar jekk hemmx ideja meta ser ikun lest dan il-proġett.

3.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg wieġeb li dan ix-xogħol kellu jintemm fil-bidu ta' Ġunju 2020, iżda x-xogħlijiet qatt ma twaqqfu ħlief biex jiġi ttestjat il-*main* bil-pressa.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.0. Tqegħid ta' Karti**

- *Purchase Request Form* – 02/06/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/05/20 – 31/05/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Tismija ta' sqaq u moll li jaqbdu ma' Triq il-Marfa** **(T/4/1/Vol III)**

5.1.2. Saret referenza għal żewġ imejls datati 7 u 27 ta' Mejju 2020, fejn il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq approva ismijiet ta' żewġ postijiet li jaqbdu ma' Triq il-Marfa, kif kienu proposti mill-Kunsill li huma:

- Il-Moll tat-Tunnara; u
- Sqaq Stejfen.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.2.1. Reviżjoni tal-Pjan Lokali u l-Ħal Ferħ *Development Brief*** **(P/5/1/Vol IV)**

5.2.2. Saret referenza għall-avviż maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar datat 11 ta' Mejju 2020 fejn saret sejħa għal konsultazzjoni rigward tibdil propost fil-*Policy NWGT 1* tal-Pjan Lokali u l-*Ħal Ferħ Develpment Brief* dwar l-użu ta' l-art li qabel kienet użata bħala kumpless turistiku f'Għajn Tuffieħa. Huwa fakkar li saret laqgħa virtwali mal-iżviluppaturi fil-15 ta' Mejju 2020, fejn kienu qed isegwu għall-Corintha Group is-Sinjuri J. P. Schembri, M. Pisani, J. Vassallo u l-Avv. J. Attard, filwaqt li għan-naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar, M. Abela, E. Bartolo, I Castillo.

5.2.3. Is-Sindku D. Vella qal li l-ispjegazzjonijiet li ngħataw kienu verbali, peress li l-pjanti għadhom ma sarux. Huwa kompla jgħid li mill-ispjegazzjoni li ngħataw irriżulta li:

- Il-medda ta' art indikata taqsam Triq il-Kappella tal-Militar;
- Ser isiru faċilitajiet għall-ipparkjar fl-istess sit, kif ukoll li jiġi wtilizzat il-parkeġġ tal-Malta Scouts Association;
- L-għoli massimu tal-bini mhux ser jaqbeż żewġ sulari; u
- Il-Kumpless ser ikollu parti minnu li ser tintuża għal skop residenzjali li mhux purament turistiku.

5.2.4. Is-Sur D. Vella qal li d-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet kienet fl-1 ta' Ġunju 2020 u għalhekk saret rappreżentazzjoni qabel din is-seduta fejn intalab li l-Pjan Lokali u l-*Brief* għandhom jittrattaw l-aspetti segwenti:

- Li l-istess toroq jinżammu, anzi jiġu mtejba sabiex jgħinu fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żona, li attwalment tbagħti minn konġestjoni b'mod speċjali fi tmiem-il ġimgħa.
- Li madwar is-sit affettwat bl-iżvilupp propost jeżisti raba li bl-ebda mod m'għandu jittieħed sabiex jiġu modifikati t-toroq tal-madwar, u għaldaqstant xi pjanijiet li hemm f'din id-direzzjoni għandhom jaffettwaw biss l-art proprjetà ta' l-iżviluppatur.
- Li kwalunke tibdil li jsir fit-toroq ta' madwar il-kumpless ma jaffettwax bl-ebda mod l-aċċessi għar-raba wżati mill-bdiewa.
- L-ispażju għall-parkeġġ naqas sostanzjalment bil-bankini li saru fid-daħla tal-lukanda Golden Sands, u għalhekk huwa meħtieġ li jitħalla spażju adekwat għall-venda tal-karozzi tal-linja u l-*coaches*. Dan il-parkeġġ wera biċ-ċar li lanqas m'huwa biżżejjed għall-vetturi tal-ħaddiema u r-residenti fl-istess lukanda;
- Jiġi massimizzat l-użu ta' faċilitajiet eżistenti fis-sit allokat lill-Assoċjazzjoni tal-iScouts, li sal-lum mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku matul is-sena kollha;
- Jibqa' jitħares l-aspett rurali taż-żona, kemm mil-latt ta' konservazzjoni ta' art agrikola, kif ukoll mil-lat estetiku, billi l-bini jinżamm f'livell ta' sular jew tnejn.
- Billi huwa propost li persentaġġ żgħir mill-art ser tiġi mibnija, wieħed jassumi li ħafna mid-dwal ser ikunu fil-beraħ, u għaldaqstant għandha tingħata attenzjoni dwar it-tip ta' dwal li għandhom jiġu addotti sabiex ikun evitat tniġġis f'dan is-sens.

5.2.5. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li fir-rappreżentazzjoni li saret ma kienx hemm aċċenn li l-iżvilupp tal-art in kwistjoni jista' iġib *ripple effect,* fuq art oħra fil-qrib, li attwalment hija 'l barra miż-żona tal-iżvilupp.

5.2.6. Is-Segretarju qal li skont l-informazzjoni li kien hemm mas-sejħa għall-konsultazzjoni, ir-residenzi huma maħsuba għal persuni barranin li jixtiequ residenza permanenti jew fit-tul.

5.2.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-affarijiet inbidlu xi ftit mill-ewwel *brief* li sar, peress li qabel kien hemm l-intenzjoni li jinżammu xi binjiet li kienu tal-militar. Mil-laqgħa li saret mal-iżviluppatur, issa ma jidhirx li huwa l-każ.

5.2.8. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.3.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier **(A/5/3/Vol VIII)**

5.3.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier fil-21 ta' Ġunju 2020, tingħata pjanta lir-residenti kollha nisa u rġiel f'dar il-Madonna tal-Mellieħa, kif ukoll jingħataw xi qsaru biex jiżżejjen l-altar tal-knisja għall-istess okkażjoni. Hija pproponiet li din l-edizzjoni tkun waħda ridotta fid-dawl tal-miżuri marbuta mal-Covid-19,

5.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta u qabel li għandhom jintalbu stimi

### 5.4.1. Pubblikazzjoni *"Fik Ittamaw Missirijietna Ittamaw u Inti Ħlisthom"* (P/3/2/Vol V)

5.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għat-tħejjijiet li qed isiru fuq il-pubblikazzjoni msemmija u qalet li saret sejħa ġdida għall-istimi dwar l-istampar ta' ktieb peress li nbidel il-format tiegħu u ser ikun jinvolvi madwar 100 paġna kollha bil-kulur.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira (P/5/8/G)

5.5.2. Is-Sindku rrefera għall-konferenza stampa mogħtija fl-Għadira fit-22 ta' Mejju 2020 fl-Għadira mill-Ministru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onor. Dr I. Borg u l-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. J. Farrugia Portelli. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li x-xogħol fuq il-parkeġġ beda fil-25 ta' Mejju u mistenni li jkun lest lejn l-aħħar ta' Ottubru 2020, bi spiża ta' €800,000.

5.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet sabiex tiġi massimizzata l-kapaċità tal-parkeġġ b'livelli 'l isfel minn kif inhu attwalment. Is-Sindku wieġeb li skont il-pjanti approvati, l-parkeġġ ser ikun jinvolvi biss il-livelli attwali, minħabba li jinsab qrib il-livell tal-baħar.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel li l-immaniġġjar tal-parkeġġ għandu jitġoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

### 5.6.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2019 (F/1/7/Vol V)

5.6.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal ittra datata 15 ta' April 2020, mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kummerċ, fejn il-Kunsill ġie mistieden jikkompeti għall-premjijiet imsemmija permezz ta' inizjattivi li jkun daħal għalihom sabiex għen fit-tkattir tal-kummerċ fil-lokalità. Huwa qal li d-data tal-għeluq kienet it-8 ta' Mejju 2020 u s-sottomissjonijiet li saru kienu jaċċennaw prinċipalment għall-attivitajiet kulturali li ġew organizzati matul 2019 u li laħqu saru fl-2020.

5.6.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.7.1. Manutenzjoni fuq l-*Outdoor Gym* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.7.2.. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-għotja ta' €10,000 kommessa minn SportMalta sabiex tiġi rinovata s-sezzjoni tal-*outdoor gym* fil-Park tal-Familja. Huwa għarraf li tħejja dokument tal-offerta li jkopri għaxar biċċiet ta' apparat tal-gym, kif ukoll li tinbidel l-art tal-lastiku li ddeterjorat tant li hija perikoluża. L-ispiża hija stmata li tlaħħaq €21,000 bil-VAT inkluża. Is-Sur C. Debono qal li għaldaqstant jeħtieġ li jsir *virement* ta' €12,000 sabiex jagħmel tajjeb għan-nefqa.

5.7.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa kif ukoll approva l-*virement* indikat mill-vot 7527, dwar il-Ġnien Pubbliku fi Triq Mons. Franġisk Xuereb.

### 5.8.1. Xogħol volontarju fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 22 ta' April 2020, mibgħut minn persuna li osserva li xi nies jagħmlu użu ħażin mill-Park tal-Familja, partikularment fil-korsa. L-istess persuna talbet lill-Kunsill sabiex jawtorizzaħ sabiex jiġbed l-attenzjoni ta' dawn l-individwi billi tinħariġlu karta tal-identità li tindika dan.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għal finijiet legali, il-kustodja tal-park għandha tkun fdata biss lil persuna inkarigata permezz ta' kuntratt.

**5.9.1. Bankina fi Triq Ġorġ Borg Olivier quddiem il-Maritim Hotel Antonin & Spa (D/3/1/Vol V)**

5.9.2. Is-Sindku D. Vella qal li l-operatur tal-lukanda msemmija talab li jtejjeb il-wiċċ tal-bankina quddiem l-estensjoni l-ġdida, bejn Triq San Publiju u Triq il-Qalb Imqaddsa, billi tiġi pavimentata bil-porfirju u kurduna tal-qawwi. Tressqet ukoll pjanta tal-bankina proposta, kif ukoll għażla bejn żewġ profili ta' kurduna tal-qawwi.

5.9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-pjanta mressqa u kkummenta li huwa ma jaqbilx li jkun hemm siġar jew arbuxxelli li jnaqqsu l-viżibiltà tat-traffiku nieżel fi Triq Ġorġ Borg Olivier, għas-sewwieqa li joħorġu minn Triq San Publiju.

5.9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ma jarax problemi bid-diżinn propost sakemm tinżamm l-linja tal-bankina attwali. Huwa ppropona li l-operatur tal-lukanda jintalab jestendi din l-inizjattiva anke fuq il-pont ta' Triq Adenau.

5.9.5. Il-Kunsill qabel li ma sabx oġġezzjoni għall-proposta mressqa, sakemm:

(a) tinżamm il-linja tal-bankina eżistenti;

(b) l-ipparkjar isir paralleli mal-bankina; u

(c) siġar/arbuxelli kantuniera ma' Triq San Publiju jsiru qrib il-faċċata tal-lukanda, bil-għan li ma jgħattux it-traffiku li jkun nieżel fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

**5.10.1. *Remote Working Concept* (S/4/1/5)( K/1/3/Vol III)**

5.10.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 12 tas-7 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju 2020, fejn saret proposta sabiex isir *Remote Working Hub* fil-Mellieħa. Fl-aħħar laqgħa li saret is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru qabel mal-proposta u ġiet identifikata l-daħla tad-*dressing rooms* fil-Park tal-Familja, li tista' tittieħed parti minnha. Ġie spjegat li d-dħul mill-bieb ta' barra, it-*toilets*, u l-kamra użata jista' ikun ikkontrollat permezz ta' *card*, li anke tirreġistra il-movimenti ta' kull minn ikun għamel użu mill-post.

5.10.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li kien hemm mistoqsija parlamentari dwar proprju dwar l l-użu ta' spazju fil-Park tal-Familja għal skopijiet mhux sportivi ta' dan it-tip.

5.10.4. Is-Sindku D. Vella qal li l-mistoqsija parlamentari saret fit-18 ta' Mejju 2020, tliet ijiem wara li saret laqgħa fil-Park tal-Familja, fejn kienu preżenti flimkien miegħu s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma s-Sur A. Gatt, is-Sur A. Frendo (uffiċjal fil-ministeru); il-Kunsillier I. Castillo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Sur D. Vella qal li din il-mistoqsija mhijiex konsistenti mal-pjanijiet li għandu l-Kunsill biex tittieħed biċċa art minnu sabiex isiru faċilitajiet għat-tiswija tal-qtates (*neutering*).

5.10.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ma jaqbilx li tintuża xi parti mill-park għal skoppijiet li mhumiex sportivi jew rikrejazzjonali. Kompla jgħid li għandha tintuża xi kamra fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill peress li l-binja tippermetti.

5.10.6. Is-Segretarju C. Debono qal li mid-dikussjonijiet illi kien hemm mal-Ministeru rriżulta li l-użu tal-kamra mhux ser ikun limitat għall-ħinijiet normali tal-xogħol u jista' ikun ħinijiet li l-istaff tal-Kunsill ma jkunx preżenti. Għaldaqstant huwa għamilha ċara li ma jaqbilx ma' proposti li jikkompromettu s-sigurtà tal-uffiċċju amministrattiv. Huwa aċċenna li l-uffiċċju użat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jintuża fil-ħinijiet normali, filwaqt li fil-każ tal-Pulizija tal-Kumunità jużaw entratura separata u għandhom aċċess limitat fil-binja.

5.10.7. Is-Sur E. Bartolo ppropona li tintuża l-kamra ta' qabel is-Sala tal-Kunsill bi dħul minn Triq il-Madonna ta' Fatima.

5.10.8. Is-Segretarju wieġeb li skont ir-rekwiżiti ndikati mill-Ministeru, il-kamra hija ntiża li takkomoda għaxar persuni, filwaqt li dik indikata għandha *split level* u mhux kbira daqstant.

Is-Sur C. Debono qal ukoll li qabel ma saret il-proposta tal-Park tal-Familja, kien hemm oħra li ssir talba sabiex jintuża ċ-Ċentru Parrokkjali, iżda din ma kienx hemm interess daqstant dwarha.

5.10.9. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg kkummenta dwar il-fatt illi materja li lanqas biss ġiet diskussa mill-Kunsill saret mistoqsija parlamentari dwarha, fejn tingħata l-impressjoni li l-Kunsill diġa ddeċieda dwarha. Kompla jgħid li l-iskop tal-mistoqsija kien li tinfluwenza d-diskussjoni fil-Kunsill.

5.10.10. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li għandha tiġi offruta l-kamra ndikata fil-minuta 5.10.7. aktar 'il fuq.

### 5.11.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għal petizzjoni ffirmata minn residenti ta' Triq l-Etna, fejn intalab li jsiru *speed humps*. Dan minħabba li t-triq hija dejqa u mhijiex dritta, fiha ħafna residenzi u garaxxijiet, u anke ġie li saret ħsara fuq vetturi pparkjati. Fil-petizzjonijiet ma ġewx indikati l-post jew postijiet fejn għandhom jsiru dawn il-*humps*.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit eżatt għal liema parti ta' Triq l-Etna qed jirreferu l-firmatarji tal-petizzjoni.

### 5.12.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

5.12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020, fejn kien intlaħaq qbil li din il-materja teħtieġ aktar diskussjoni, bil-għan li jiġu stabbiliti l-mistoqsijiet li għandhom isiru fil-kwestjonarju, ossija:

(a) it-tip ta' miżuri li għandhom jiġu ntrodotti; u

(b) il-postijiet eżatt fejn dawn għandhom jsiru sabiex ikunu effettivi.

5.12.3. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll għall-imejl datat 22 ta' Mejju 2020 mibgħut minn Transport Malta fejn saret referenza għal mistoqsija parlamentari li saret lill-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar l-istess suġġett. Il-ministeru ma' tax tweġiba finali sabiex issir konsultazzjoni mal-Kunsill.

5.12.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinkiseb parir professjonali dwar l-miżuri li jistgħu jiġu kkunsidrati.

### 5.13.1. Proġett – *Small Markets at the Heart of the European Economy* (P/10/25)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-proġett imsemmi li kien ġie kordinat mill-Kunsill u twettaq bejn Ġunju 2016 u ntemm f'Ġunju 2018. Permezz ta' ittra datata16 ta' Novembru 2019 il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)* li l-proġett kien tela' biex isir awditjar fuqu. Dan seħħ f'Jannar 2020 mid-ditta BDO bbażata Londra, u kien jinvolvi mhux biss il-proġett *per sè,* imma ttratta wkoll s-sistemi amministrattivi tal-Kunsill, inkluż l-osservazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-*procurement* u s-sistema dwar iż-żamma tal-kontijiet.

5.13.3. Mill-abbozz tar-rapport datat 15 ta' Mejju 2020, jirriżulta li l-udituri kienu sodisfatti minn dan kollu però kkummentaw li ma ġewx mgħoddija lilhom provi li din il-konferenza stampa kellha attendenza tant, li ħalliet r-riżultati msemmija fil-*grant agreement*. Għalhekk qed jirrakkomandaw li tintradd lura is-somma ta' €22,500. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-konferenza stampa, kellha tiġi meqjusa attività *oltre* dak mitlub bil-*grant agreement*. Il-konferenza stampa fil-fatt saret fl-20 ta' Ġunju 2018 f'Misraħ il-Parroċċa u għaliha kien preżenti s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej, l-Onor Aaron Farrugia.

5.13.4. Is-Segretarju kompla jgħid li m'hemm l-ebda kontroll fuq l-attendenza fiżika għal dan l-avveniment, minkejja l-isforzi li saru biex jinġibed l-ogħla numru possibbli. Sabiex jintlaħaq

l-għan speċifikat fil-*grant agreement*, il-Kunsill ippubblika r-riżultati permezz tas-sit elettroniku tiegħu u fil-media soċjali. Il-proġett kien intgħażel bħala *best practise* mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u fil-fatt ingħatat preżentazzjoni dwaru waqt seminar organizzat mill-MEUSAC fl-4 ta 'Lulju 2019.

5.13.5. Is-Sur C. Debono ta rendikont dettaljat tad-dħul u l-infiq relatat ma 'dan il-proġett, li rriżulta f'defiċit ta' € 9,050, liema żbilanċ diġà ġew kopert mill-fondi tal-kunsill. Dan id-defiċit irriżulta minn *overruns* fuq il-ħames konferenzi, li ġew parzjalment koperti mill-baġit tal-konferenza stampa in kwistjoni.

5.13.6. Il-Kunsill qabel li abbażi ta 'dak li ntqal hawn fuq, l-udituri għandhom jintalbu jikkonsidraw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom sabiex din il-miżura ma sservix ta' diżinċentiv għall-involviment futur f'inizjattivi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

## 5.14.1. Devoluzzjoni tal-Fortizza ta' Campbell **(A/6/7/Vol III)**

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għal mistoqsija parlamentari PQ 14338, fejn l-Onor. R. Cutajar staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar ir-raġuni għaliex ma tkomplewx il-pjanijiet li kienu nbdew mill-Kunsill fl-2011 sabiex Forti Campbell jgħaddi għand l-istess Kunsill Lokali. Kompla jgħid li kien diżappuntat bit-tweġiba li ngħatat mill-Ministru għaliex b'hija ngħatat impressjoni ħażina tal-fatti fis-sens li ma ġiex speċifikat liema Kunsill kien waqqaf il-pjanijiet dwar Forti Campbell.

5.14.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li s-Sitt Kunsill beda l-kuntatti dwar id-devoluzzjoni tal-fortizza permezz ta' ittra datata 9 ta' Marzu 2011, u sussegwentement id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta parir lill-Kunsill sabiex jikkonsulta mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fid-dawl tas-sensittività ta' dan is-sit, billi minn naħa tagħhom jistgħu jikkunsidraw li l-fortizza tgħaddi taħt l-Att ta' Kurazija permezz ta' *guardianship deed*, minflok devoluzzjoni. Kien ingħata parir wkoll li għandha tintalab ġwida dwar dan mit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Fit-28 ta' Marzu 2012, it-Taqsima għat-Tmexxija tal-Proprjetà ġiet mitluba mill-Kunsill sabiex jibdew il-proċeduri kollha meħtieġa bil-għan li l-Fortizza tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali. It-Taqsima ġiet infurmata wkoll li fil-frattemp l-Kunsill kien ser jesplora l-possibiltà li jottejeni fondi Ewropej biex jiffinanzja r-rijabilitazzjoni tal-post. Permezz ta' imejl datat 12 ta' Novembru 2012, it-Taqsima għat-Tmexxija tal-Proprjetà talbet lill-Kunsill iressaq applikazzjoni formali tramite id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Minn dan il-punt 'il quddiem ma kienx hemm aktar skambju ta' korrispondenza fuq is-suġġett. Huwa fakkar li s-Seba' Kunsill kien beda l-ħidma tiegħu fl-1 ta' April 2013.

5.14.4. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk kienux saru attentati oħra biex titkompla din l-inizjattiva.

5.14.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li ġustament il-proġett kien twaqqaf mis-Sitt Kunsill peress li ma kienx hemm il-fondi, meħtieġa li ma kinux ftit biex jiffinanzjaw proġett fuq dik l-iskala. Huwa stqarr ukoll li lanqas kienet saret konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

5.14.6. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet hija serviet l-ewwel darba bħala Kunsilliera fis-Seba' Kunsill u tikkonferma li din il-materja qatt ma ġiet diskussa.

5.14.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Skema dwar sistemi ta' CCTV **(C/9)**

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020. Għarraf li dan is-suġġett kompla jiġi diskuss fil-Kumitat Reġjonali u rriżulta li l-*cameras* tas-sigurtà li l-Kunsill indika li jixtieq jinstalla fil-Park tal-Familja jiġu jiswew lill-Kunsilli bejn €600 u €1,000 fis-sena li jkopru servizz ta' manutenzjoni u konnessjoni mal-internet. Huwa qal ukoll li fil-każ tal-Park tal-Familja, il-LESA ma tkunx tista' tinforza peress li ma jinvolvix toroq.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

### 5.16.1. Minuti tal-Bord tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)

5.16.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg poġġa l-minuti tas-seduti li saru fil-11, it-18, u l-25 ta' Mejju 2020 tal-bord imsemmi.

5.16.3. Il-Kunsill innota d-dokumenti imqiegħda.

### 5.17.1. Kuntratt dwar iż-żamma ta' parki u ġonna (K/6/3/Vol III)

5.17.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-andament tal-kuntratt imsemmi u qal li l-kuntrattur konċernat mhux qed jiddedika ħin biżżejjed għaliħ tant li d-dehra ta' diversi ġonna u *soft areas* mhux dik mixtieqa. Huwa qal ukoll li qed jipprova jagħmel kuntratt mal-kuntrattur u ma jkollux ir-rispons mixtieq.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa wkoll għamel pressjoni fuq il-kuntrattur biex jħawwel il-fjuri fis-*centre strip* ta' Triq Qasam Barrani. Il-kuntrattur qal li dan ma sarx qabel peress li l-importazzjoni tal-pjanti minn barra kienet ristretta minħabba l-miżuri tal-Covid-19. Meta tħawwlu sussegwentement tħawwlu l-pjanta, irriżulta li parti mis-sistema tal-irriġazzjoni ma ħadmitx minħabba li xi *relays* ma ffunzjonawx. Is-Sur C. Debono qal li sar sfroz sabiex jiġu kkuntattjati persuni mill-ELC Ltd (il-kuntrattur preċedenti) bil-għan li jgħinu fit-tħaddim mill-ġdid tas-sistemi. Min naħa tiegħu il-kuntrattur sab persuna tekniku sabiex flimkien mal-ħaddiema tal-ELC jgħelbu l-problemi li hemm.

5.17.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li s-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu mal-kuntrattur sabiex jiġi żgurat li huwa jaderixxi mal-kuntratt.

### 5.18.1. Arloġġi fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.18.2. Il-Kunsillier M. Abela ppropona li jkun hemm arloġġi fil-post imsemmi għall-benefiċċju ta' minn jiffrekwentaħ.

5.18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom isiru żewġ arloġġi, wieħed qrib id-daħla ewlenija minn Triq Ġużè Flores u ieħor biswit il-*multi-purpose court* li jkun jidher mill-korsa tal-atletika.

5.18.4. Kien hemm qbil li għandha tiġi mistħarġa din il-proposta.

### 5.19.1. Diżinfettar ta' postijiet pubbliċi (K/1/2/Vol V)

5.19.2 Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ġie avviċinat minn diriġent tal-kumpanija Extra Staff Malta, li bħala parti mill-obbligi soċjali korporattivi jixtiequ joffru servizz ta' diżinfettar f'postijiet pubbliċi. F'dak li jirrigwarda l-Kunsill, huwa rrakkomanda l-bini tal-uffiċċju amministrattiv. L-istess intrapriża għandha l-intenzjoni wkoll li tagħti servizz simili f'postijiet ta' qima fil-Mellieħa.

5.19.3 Il-Kunsill qabel li qabel tittieħed din l-iniżjattiva għandha ssir laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija msemmija, is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier I. Castillo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

### 5.20.1. Imblukkar ta' trejqa f'Għajn Żnuber (T/3/2/Vol VX)

5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li spiss jgħaddu persuni riekba fuq muturi *scramblers* minn passaġġ bir-riġel li jieħu minn Għajn Żnuber għal Tat-Tomna. Huwa ppropona li dan jiġi mblukkat għal dan it-tip ta' aċċess.

5.20.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li ssir *crash barrier* f'biċtejn, b'tali mod li persuna tkun tista' tgħaddi bejniethom.

5.20.4. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed xi miżura li tħalli l-inqas impatt possibbli fuq il-post.

**5.21.1. Miżura marbuta mal-Covid-19 fuq ix-xtut** **(X/1/1/Vol II)**

5.21.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li fil-bajjiet l-iktar mfittxija jitwaħħlu tabelli li jappellaw għaż-żamma tad-distanza soċjali.

5.21.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

**5.22.1. Triq Lewis Wettinger** **(T/4/4/Vol II)(T/3/3/Vol V)**

5.22.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa jekk il-Kunsill huwiex infurmat dwar jekk hemmx xogħlijiet fit-triq imsemmija, peress li għadu jżomm l-ilma tax-xita fiha minkejja li riċentement saru l-ispralli.

5.22.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill mhux mgħarraf li ser isiru xogħlijiet oħra apparti dawk li saret referenza għalihom fis-Seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020. Għarraf ukoll li Infrastructure Malta intalbu sabiex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tal-karreġġjati li tneħħew biex saru l-ispralli u l-kisi mill-ġdid tal-korsija fuq in-naħa tal-bini.

5.22.4. Is-Sur Micallef qal ukoll li qed ikun hemm persuni li jixtiequ jaqsmu minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jew Triq id-Deru għat-triq tal-Miżieb. Huwa staqsa jekk qatt ġiex ikkonsidrat li ssir *pelican crossing* f'dan il-post.

5.22.5. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

**5.23.1. Użu tal-faċilitajiet sportivi fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)(C/4/Vol IV)**

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa dwar jekk jistgħux jibdew isiru sessjoni ta' taħriġ fil-*court* tal-Park tal-Familja, għallinqas fi gruppi ta' sitta, peress li huwa sports ta' kuntatt.

5.23.3. Il-Kunsill qabel mal-użu tal-*court* fi ġruppi ta' sitta, mingħajr l-użu tad-*dressing rooms*.

5.23.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li la kien hemm rilaxx ta' ħafna mill-miżura marbuta mal-Covid-19 għandhom jitħalla l-użu tal-ġonna, filwaqt li jsiru tabelli dwar iż-żamma tad-distanza soċjali, kif ukoll fejn hemm il-bandli isir id-diżinfettar tagħhom darba fil-ġimgħa.

5.23.5. Is-Segretarju Eżekuttivi qal li l-awtoritajiet tas-saħħa ntalbu jagħtu direzzjoni fuq l-ikkampjar, filwaqt li qed ikun hemm pressjoni dwar il-ħruġ ta' permessi għall-*barbecues*.

5.23.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li dwar il-punti mqajma fil-minuta 5.23.4. u 5.23.5. għandu jistenna direzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

**5.24.1. *Opportunity Knocks – OK Project*** **(E/3/1/Vol III)**

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għal korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS), li hija ffinanzjata minn fondi Ewropej. Huwa spjega li l-proġett qed jitwettaq minn professjonisti li l-għan tagħhom huwa li joffru opportunitajiet liż-żgħażagħ fl-etajiet bejn it-13 u l-25 sena permezz ta' sessjonijiet individwali li fihom jidentifikaw il-bżonnijiet personali tagħhom u b'hekk jitfassal pjan ta' azzjoni miftiehem individwalment sabiex eventwalment, permezz tal-fondi disponibbli, jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom billi jiġu mħeħħa jidħlu għal korsijiet vokazzjonali jvarjaw minn:

- korsijiet tal-*hairdressing* – grupp żgħir;
- korsijiet tal-*hairdressing* – fuq bażi individwali;
- kors tad-dwiefer;
- korsijiet tal-*make-up;*
- lezzjonijiet tas-sewqan, u oħrajn

5.24.3. Is-Sur K. Buttigieg kompla jispjega li l-ispejjeż involuti jiġu mħallsa mill-Proġett OK. Jkun provdut ukoll sapport biex jipprepara ż-żgħażagħ jibdew il-karriera tagħhom u jtejbu ċ-ċans li

jsibu xogħol. Il-proġett ikopri wkoll diversi ħiliet tal-ħajja. Il-Fondazzjoni appellat sabiex permezz tal-Kunsill jiġu jdentifikati żgħażażgh li jixtiequ jibbenefikaw minn din l-opportunità.

5.24.4. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett għandu jingħata prominenza fis-sit elettroniku tiegħu u fil-medja soċjali.

**5.25.1. Inizjattivi marbuta mal-epidemija tal-Covid-19** **(D/4)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.7.1. dwar it-tqassim ta' ikel li qed jiġi kordinat mill-Malta Trust Foundation. Hija qalet li dan issa qed jitqassam f'ammonti ikbar u mhux possibbli għaliha li ġġorru fil-vettura personali tagħha.

5.25.3. Is-Sindku D. Vella ppropona li l-ġbir tal-ikel mill-Furjana jibda jsir bit-trasport tal-Kunsill.

**5.26.1. Aċċess bil-vetturi fi Triq l-Imġiebaħ** **(T/3/2/Vol XV)**

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini lmentat li qed jinżlu ħafna vetturi fil-parti t'isfel tat-triq l-Imġiebaħ minkejja li mhemmx faċilitajiet ta' parkeġġ u għaldaqstant ikunu kostretti li jipparkjaw fuq it-tafal li hemm fuq ir-riħ tal-bajja.

5.26.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-parir mingħand Transport Malta fid-dawl tal-fatt li apparti l-bdiewa, it-triq hija wżata mill-ħaddiema li jnaddfu l-bajja.

**5.27.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi** **(P/5/8/Z)**

5.27.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-21 ta' Mejju 2020 kien hemm it-trattazzjoni mill-ġdid miż-żewġ partijiet, b'mezz virtwali, quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Dan kellu jsir minħabba li nbidlet l-kompożizzjoni tat-tribunal, peress li l-uffiċjal illi kien jirrappreżenta l-Awtorità tal-Ippjanar fit-tribunal originali kien inħatar *chairman* tal-istess tribunal. Il-każ ġie differit għas-sentenza.

5.27.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

***Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2019 li diġa ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020; u***

***Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji oriġinali għas-Sena 2019, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;***

***Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*** **(F/1/2/Vol VIII)**

6.2. Minħabba li l-istqarrijiet finanzjarji vverifikati mill-udituri kienu għadhom ma ġewx mgħoddija, kien miftieħem li għandha ssir kontinwazzjoni ta' din is-seduta bil-għan li jkunu jistgħu jiġu sottomessi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sat-12 ta' Ġunju 2020.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:**

***"Sabiex jiġi pprovdut servizz ta' ħlasijiet permezz tal-karti ta' kreditu/debitu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill; u***

***Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01) ma jeskludux l-użu ta' EPOS Machines għall-għan imsemmi;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandha ssir talba lil Bank of Valletta plc sabiex jipprovdi s-servizz imsemmi."*** ***(B/1/Vol II)***

7.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier G. Micallef illi tgħid:**

***"Sabiex isir ilqugħ protettiv (fencing) madwar il-perimetru tal-irdum li jagħti għall-Bajja f'Tal-Prajjet. Dan irid ikun mhux għola minn metru punt tnejn, sabiex ma jibqax il-periklu li n-nies jistgħu jaqgħu għal isfel. Ma' dan għandhom isiru ukoll aktar tabelli li jindikaw "Periklu - Tersaqx iktar il'barra minn dan il-punt / Danger – Do not go beyond this point.".*** ***(T/3/2/Vol XV)***

8.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li ftit jiem qabel kien hemm inċident fejn persuna waqgħet wara li ċediet biċċa mix-xifer taħt il-piż tagħha. Huwa qal li dan ġara peress li l-blat huwa mittiekel bl-elementi.

8.3. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li dan il-post huwa ffrekwentat ħafna minħabba l-veduta.

8.4. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx illi jiżdied l-għoli tal-ħajt, peress li jkerraħ id-dehra tal-post. Huwa qal li l-inċident ġara għaliex il-persuna konċernata intenzjonalment qabżet il-ħajt eżistenti. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li l-post in kwistjoni jifforma parti mill-Park tal-Majjistral u għalhekk jeħtieġ li jiġi kkonsultat il-Bord li jamministrah.

8.5. Fid-dawl tal-minuta 8.4. is-Sindku D. Vella ppropona emenda fil-mozzjoni oriġinali sabiex tinqara kif ġej:

*"Sabiex jitnaqqas il-periklu madwar il-perimetru tal-irdum li jagħti għall-Bajja f'Tal-Prajjet għandhom isiru tabelli li jindikaw "Periklu - Tersaqx iktar il'barra minn dan il-punt / Danger – Do not go beyond this point.". Tali proposta għandha tiġi mgħoddija lill-Bord tal-Park tal-Majjistral, peress li din iż-żona taqa' fir-responsabiltà tiegħu.".*

8.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg issekonda l-mozzjoni tal-emenda. Il-mozzjoni għaddiet b'ħames voti favur, bil-Kunsillieri I. Castillo, M. Abela, E. Bartolo u G.Micallef jivvutaw kontra.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier G. Micallef illi tgħid:**

***"Sabiex jiġu mixtrija u nstallati numru ta' "Fire Hydrants" għaż-żoni fl-Aħrax tal-Mellieħa, it-Torri l-Aħmar kif ukoll il-Miżieb sabiex f'każ ta' ħruġ ikun hemm provvista immedjata ta' ilma. Dan sabiex jiġu evitati inċidenti bħal ma' ġara fl-Aħrax tal-Mellieħa fil-ġranet li għaddew u l-Miżieb fix-xhur li għaddew.".*** **(A/3/Vol III)**

9.2. Il-Kunsillier G. Micallef qal li ressaq din il-mozzjoni għaliex jemmen li l-Kunsill għandu jagħmel il-parti tiegħu biex ma jerġgħux jirrepetu nċidenti ta' ħruq fl-imsaġar.

9.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal post fil-media soċjali li sar mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti- Mellieħa fuq, fejn intqal li f'laqgħa riċenti li l-għaqda mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, is-Sur E. Psaila, ġie żvelat illi huwa ppjanat li jsiru sebgħin *fire hydrant* li parti minnhom jinvolu l-imsaġar fil-lokalità tal-Mellieħa. Sakemm jiġu pprovduti dawn il-faċilitajiet, diġa jeżisti ftehim mal-bdiewa biex f'każ ta' emerġenza jsir użu mill-ġwiebi tagħhom, kif ukoll mis-sorsi tan-*new water*.

9.4. Is-Sindku qal li huwa jaqbel totalment mal-għan tal-mozzjoni, iżda fid-dawl tat-tagħrif li ngħata skont il-minuta 9.3. aktar 'il fuq, ressaq emenda fil-mozzjoni oriġinali li tgħid hekk:

*"Sabiex jiġu evitati inċidenti bħalma ġraw riċentement fl-Aħrax tal-Mellieħa u fil-Miżieb, il-Kunsill għandu jipproponi l-ħtieġa li jigu nstallati numru ta' fire hydrants, bħala parti mill-Pjan għall-Immaniġġjar taż-żewġ żoni msemmija li ser isir mill-Ministeru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, kif ġie ssuġġerit ukoll mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassab Konservazzjonisti – Mellieħa fl-laqgħa li kellhom ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ftit tax-xhur ilu. Dan għandu jsir bl-involviment tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, il-Pulizija, u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma flimkien ma' organizzjonijiet oħra mhux governattivi konċernati."*.

9.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li kemm l-mozzjoni oriġinali, kif ukoll dik tal-emenda mhemmx differenza fil-prinċipju, iżda dik tal-emenda qed tieħu in konsiderazzjoni kuntatti u pjantijiet diġa saru fuq is-suġġett.

9.6. Wara li mozzjoni tal-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef, il-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

## 10.1. Sejħa għall-offerti MLC 1/2020 - Tindif ta' Toroq Mhux Urbani
**(T/4/6/Vol IV)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li din is-sejħa għalqet fid-19 ta' Mejju 2020 u kien hemm l-offerti segwenti:

| **Offerent** | **Somma Annwali mingħajr V.A.T.** |
|---|---|
| Paul Galea | €157,000 |
| Proofreading.com.mt | €29,500 |
| E.C. Municipals | €18,450 |
| George Vella | €23,900 |
| Sandro Caruana | €26,900 |
| Antoine Fenech | €18,500 |

10.3. Il-Kunsill qabel li l-offerti msemmija għandhom jiġu evalwati minn kumitat kompost mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Laqgħa tal-Kumitat ġiet appuntata għall-4 ta' Ġunju 2020.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Ġunju 2020.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-3 u l-31 ta' Mejju 2020.

11.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri, l-ewwel parti tas-seduta spiċċat fil-11.00 pm u kien hemm qbil li titkompla għal nhar l-Erbgħa 10 ta' Gunju 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**